DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................... ĦINIJIET ................ POST: .............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .................................... DATA/DATI ......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

**PAWLU REDUX**

*3 Att, 3 Xena, p.117 (M)*

## PAWLU

**L-IŻBALJI!**

L-iżbalji! — Emminni, naħseb li wasalt għall-konklużjoni li li tiżbalja mhix it-traġedja li kulħadd jaħseb li hi, Cher.

Le. Li jgħakkisni, li jinkwetani hu li ħlief żbalji m'għamiltx. Għax dejjem fittixt li niżbalja. Biex nara x'jiġri... meta niżbalja. U l-verità hi li kważi kważi kieku ma niżbaljax ma naħsibx li kont nista' naċċetta l-ħajja kif jgħixha kulmin ma jiżbaljax – kulmin jippreferi t-triq witja.

/ Qatt ma kont min jien tassew. Qatt ma kont jien... jien. Kont biss dak li kelli nagħmel. U li kelli nagħmel kien jeħtieġ isir.

Ma kelli ebda kontrol fuqi nnifsi – fuq min kont, jew min ħsibt li kelli nkun. Imma ma kellix għażla.

Issa – issa m'għandix għalfejn inkun dak li kont. Issa nistaqsi biss lili nnifsi: Jien xi rrid issa? X'irrid nagħmel issa? Sempliċement li ma niżbaljax? Ma naħsibx li jkun biżżejjed. Però – nixtieq kieku ma niżbaljax miegħek issa, Cher. Minn issa 'l quddien tal-anqas. *(148)*

PDF p.117

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ...........................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.